# Il-Malti fil-Ġurnaliżmu Miktub u Mitkellem

Charles Briffa

Jeħtieġ isir studju estensiv u komprensiv li jikkonċentra fil-fond u b'mod professjonali fuq il-lingwa kif użata fil-mezzi tax-xandir kollha. Dawn il-ftit ħsibijiet li ġejjin jagħtu ħjiel ta' kemm hi urġenti din il-ħtieġa.

## Introduzzjoni

Fis-seklu XIX inħasset il-ħtieġa kbira li s-soċjetà Maltija jkollha l-proża tagħha li setgħet isservi ta' mezz biex twassal l-orjentazzjoni l-ġdida taż-żminijiet li bdew jitfissru fit-termini tar-Risorġiment Taljan u ta' l-Imperu Ingliż. Wara l-libertà ta' l-istampa fl-1839 — mossa li kienet essenzjali sabiex issawwar l-opinjoni pubblika u timxi mal-kurrenti Ewropej ta' dak iż-żmien[1] — il-ġurnaliżmu Malti kellu bżonn il-proża Maltija u żviluppaha bħala għodda għall-parteċipazzjoni intellettwali. L-argument ewlieni tas-seklu XIX fissru sew Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927)[2] meta ried jiġġustifika l-kunċett ta' gazzetta bil-Malti li kellha tqanqal ġieħ nazzjonali, twassal ġid soċjali, u tkattar l-għożża ta' l-ilsien Malti. Fl-1877 jgħid hekk għall-ġurnal *In-Naħla Maltija*:

[1] David Thomson, *Europe Since Napoleon* (Middlesex: Penguin, 1966) 369-372.

[2] Ġużè Muscat Azzopardi fl-1920 laħaq president ta' L-Akkademja tal-Malti (dik il-ħabta magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) u dam sa ma miet.

> Kull belt tad-dinja ssibilha xi gazzetta miktuba b'dak l-ilsien li jitkellmu fiha: [...]. Aħna biss m'għandniex waħda miktuba bil-Malti — bħallikieku m'hawnx min jaf jikteb bl-ilsien li fih twelidna, li bih trabbejna u li bih niftiehmu wieħed ma' l-ieħor; bħallikieku l-ħanin Alla ma taniex ilsien għalina; bħallikieku, f'kelma waħda, m'hawnx min jieħu ftit ħsieb tagħna u jgħidilna — bil-Malti — x'qiegħed isir fid-dinja [...].
>
> Issa, għidulna ħaġa, dawn in-nies li huma l-biċċa l-kbira billi ma jafux ħlief bil-Malti, m'għandhomx għalhekk ikunu jafu x'qed isir f'Malta u fid-dinja? [...] *In-Naħla Maltija* sejra ssir għal dawn in-nies li huma Maltin bħalna. Jekk imbagħad, min jaf bit-Taljan u bl-Ingliż ikun irid jissieħeb fin-*Naħla* jagħmel wisq tajjeb [...] għaliex min twieled Malta u rada' ma' ħalib ommu l-ilsien Malti billi jaf jaqra b'ilsna oħra, m'għandu qatt imaqdar l-ilsien tiegħu [...].[3]

Il-Malti ġurnalistiku[4] u l-Malti letterarju bdew jinfluwenzaw lil xulxin u sa ma qaleb is-seklu XX kien diġà żviluppa l-ġurnaliżmu letterarju li nqeda bil-varjetajiet tal-proża li kellha l-ħila tirrakkonta ġrajja (jew avveniment), tinterpretaha u twassal tagħrif fuqha[5] — u dan meta sa ftit qabel il-Malti ma kellu xejn, tant li lanqas biss kien jinkiteb. Dawn l-għamliet ta' proża tħalltu u twaħħdu biex jakkomodaw l-istili kollha li s-seklu XX kellu bżonn.

Mal-libertà ta' l-istampa u t-titjib fl-edukazzjoni l-kondizzjonijiet soċjali għall-qari bil-Malti tbiddlu sew.[6] Beda jkun hemm ċirkulazzjoni u influwenzi akbar.[7] Mal-mezzi moderni għall-ġbir ta' l-aħbarijiet, għall-istampar, u għad-distribuzzjoni bil-ħeffa, dehru opportunitajiet ġodda għall-ġurnaliżmu popolari — opportunitajiet li kellhom jittieħdu minħabba li beda jkun hemm aktar nies litterati. U matul is-seklu XX il-Malti ġurnalistiku ma setax jibqa' biss fuq

---

3 Ġużè Cassar Pullicino, "Fil-Qasam Ġurnalistiku Letterarju," *Ġużè Muscat Azzopardi* (Malta: PIN, 1991) Kap 5.

4 F'dan ix-xogħol b'"Malti ġurnalistiku" qed nifhem l-użu tal-Malti fil-mezzi tax-xandir kollha (fuq ir-radju, fuq it-televixin, fuq l-internet, fil-gazzetti u fir-rivisti) bil-varjetajiet kollha tiegħu (skond kif imħaddma fil-politika, il-kultura, il-kummerċ, il-moda, it-temp, il-finanzi, l-edukazzjoni, id-divertiment, eċċ.) u bl-istili kollha li għandu bżonn (rapporti, kronaki, editorjali, artikli speċjali, ittri, avviżi, riklami, reċensjonijiet, riċetti, eċċ.) kemm bil-kitba u kemm bil-kelma mitkellma. Ta' min jinnota li l-internet juża ħafna mill-istil tal-gazzetti u r-rivisti.

5 Charles Briffa, "Rhythmic Patterns in Maltese Novels," teżi għad-Dottorat, U ta' Malta, 1996, 144.

6 Joseph M. Brincat, *Il-Malti – Elf Sena ta' Storja* (Malta: PIN, 2000) 171.

7 Fl-1889 il-gazzetti Maltin kellhom ċirkulazzjoni aktar mill-gazzetti Ingliżi u ftit anqas mill-gazzetti Taljani: ara Geoffrey Hull, *The Malta Language Question* (Malta: Said International, 1993) 39.

il-karta imma kellu jidħol fix-xandir bil-ħoss u fix-xandir fuq l-iskrin. Il-ġurnaliżmu allura beda jkun anqas letterarju u anqas sofistikat minn dak tas-seklu ta' qabel. Beda jkun aktar popolari bl-appell tiegħu għall-massa, aktar sensazzjonali u kultant aktar irresponsabbli (forsi għax ma baqax jiddependi fuq l-abbonament tal-qarrejja imma beda jiddependi fuq ir-reklamar kummerċjali). Illum fil-bidu tas-seklu XXI għandna bosta aktar varjetajiet ta' proża li qegħdin jitħaddmu fil-gazzetti, fir-rivisti, fuq l-internet, fuq ir-radju u fuq it-televixin.[8]

Imma l-kritika spissa li ssir fuq l-użu "ħażin" tal-Malti fix-xandir[9] jistħoqqilha konsiderazzjoni studjuża. U biex nagħmlu dan jeħtieġ nibdew mill-bidu u neżaminaw dawn il-prinċipji u l-fatti:

- kull lingwa toħloq il-varjetajiet li jkollha bżonn is-soċjetà tagħha;
- hemm differenza bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub;
- ix-xandir żviluppa r-reġistru tiegħu;
- ix-xandir jagħmel xi żbalji tal-lingwa.

Wara, imbagħad, naraw x'tip ta' Malti għandu jintuża fil-ġurnaliżmu.

## Il-varjetajiet tal-lingwa

Prinċipju ewlieni fis-soċjolingwistika huwa li kull lingwa toħloq il-varjetajiet li jkollha bżonn is-soċjetà tagħha.[10] Minbarra għall-komunikazzjoni ta' kuljum, il-lingwa tintuża għal skopijiet speċjali għax malli jiżviluppaw aspetti ġodda l-lingwa trid tfassal mezzi biex tesprimihom. Hekk matul is-snin twieldu u kibru reġistri jew stili speċjali marbutin mar-reliġjon, mal-liġi, mal-mediċina, max-xjenza, max-xandir, mal-politika u mal-kummerċ. Fis-seklu XX faqqsu wkoll bosta ħidmiet ta' espressjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' oqsma bħall-kompjuters, ir-reklamar u l-mużika popolari. Meta nanalizzaw lingwistikament dawn l-oqsma kollha nintebħu kif in-nies li jaħdmu fihom iħarsu lejn id-dinja tagħhom. Kull varjetà tal-lingwa mela għandha l-attitudnijiet tagħha u dan

[8] Fuq dan is-suġġett tajjeb li wieħed jara x'għandu jgħid Vijay K. Bhatia, *Analysing Genre: Language Use in Professional Settings* (London: Longman, 1994) para. 6.2.

[9] "Xandir" u "ġurnaliżmu" (u d-derivazzjonijiet tagħhom, "xandar/a" u "ġurnalista/i") hawnhekk qegħdin jittieħdu bħala sinonimi. F'dawn it-termini qed ninkludi l-kitba, l-iskrin, u l-ħoss; jiġifieri, il-gazzetti, ir-rivisti, l-internet, it-televixin, u r-radju. Ukoll il-maskil ġeneralment jinkludi l-femminil.

[10] Victoria Fromkin u Robert Rodman, *An Introduction to Language*, 5 ed. (USA: Harcourt Brace College, 1993) Kap 7.

il-fatt jagħti ħjiel ta' kemm huma kbar ir-riżorsi tal-lingwa li trid tlaħħaq mal-bżonnijiet speċjali li jġib miegħu l-progress.[11]

L-idea ta' reġistru lingwistiku tfisser li l-lingwa tvarja skond il-funzjoni tagħha u tinbidel f'sitwazzjonijiet differenti.[12] Mela nistgħu ngħidu li l-Malti ġurnalistiku huwa reġistru għax huwa varjetà tal-lingwa li tingħaraf skond l-użu tagħha. Imma rridu nżidu wkoll li x-xandir kontemporanju jippreżenta firxa sħiħa ta' varjetajiet lingwistiċi għax insibu rapporti ta' aħbarijiet, kummenti editorjali, artikli informattivi, reċensjonijiet ta' kotba u films, ittri, avviżi, riklami, programmi tat-televixin u tar-radju, listi ta' riżultati sportivi, djalogu f'kartuns, kompetizzjonijiet, riċetti, dokumentarji, qari ta' letteratura, radjudrammi u *teleplays*, kronaki ta' fatti u ġrajjiet, dibattiti, diskussjonijiet u seksik. Mela, filwaqt li nħossu li l-lingwa tax-xandir hija differenti mil-lingwa ta' oqsma oħra, b'dawn il-varjetajiet kollha ma tistax tgħid li gazzetta jew stazzjon għandhom kollha stil wieħed, aħseb u ara kemm tista' tgħid li l-ġurnaliżmu għandu karatteristiċi lingwistiċi komuni għall-gazzetti u l-istazzjonijiet kollha.

"Il-lingwa tal-ġurnaliżmu" għal ħafna tfisser stil li ma jintgħoġobx. Imma jekk irridu nkunu oġġettivi jeħtieġ inżommu f'moħħna li l-Malti ġurnalistiku huwa reġistru li fih varjetà ta' ġeneri li juru r-rikkezza tal-lingwa.

Insibu xebh superfiċjali fil-gazzetti kollha li jiġi min-natura tal-*medium* li jiddetta kundizzjonijiet bażiċi bħal tagħrif ikkompressat fi spazju limitat ta' kolonni li jridu jżommu l-lingwa ċara biex tibqa' tinqara; bħaż-żamma ta' l-interess li titlob tipi kbar, strutturi drammatiċi, titli u sotto-titli, fotografija u paragrafi qosra; u bħall-bżonn ta' informazzjoni friska. Dawn il-kundizzjonijiet jinfluwenzaw l-għażla tal-vokabolarju u l-grammatika. Ngħidu aħna, ikun hemm l-aktar sentenzi narrattivi (mhux mistoqsijiet jew esklamazzjonijiet) u jkun hemm użu tal-passat (minbarra fil-*headlines* u l-*captions*). Dawn huma r-restrizzjonijiet komuni għal kulħadd imma l-preferenzi stilistiċi jvarjaw bil-bosta minn gazzetta għal oħra u minn stazzjon għal ieħor.[13]

---

[11] Għal espożizzjoni ddettaljata fuq il-varjetajiet tal-Malti ara Charles Briffa, "L-Istilistika," *Lingwa u Lingwistika*, ed. Karl Borg (Malta: KKM, 1998) Kap 8.

[12] Michael Alexander Kirkwood Halliday, Angus McIntosh, Peter Strevens, *The Linguistic Sciences and Language Teaching* (London: Longman, 1964) 87.

[13] Kif għedt fil-bidu, jeħtieġ isir studju komprensiv u kontinwu fuq il-lingwa tal-ġurnaliżmu biex jinkixfu bosta mit-tendenzi li għandhom ix-xandara. L-istudju jrid ikun kontinwu biex jimmonitorja l-użu tal-lingwa u l-abbużi fiha. L-istudju tal-Professur Edward Fenech, "Contemporary Journalistic Maltese," teżi fuq l-iżvilupp tal-Malti fil-ġurnali kontemporanji Maltin, U ta' Leeds, 1978, joffri bosta ideat siewja.

**Il-mitkellem u l-miktub**

Il-lingwistika tagħraf id-differenza bejn l-ilsien mitkellem u l-ilsien miktub. Il-mitkellem (il-*medium* primarju tal-lingwa) jindirizza s-smigħ u l-miktub il-ħars. U l-mod kif dawn it-tnejn jorganizzaw il-lingwa huwa differenti wkoll: il-mitkellem jinqeda biż-żmien biex iwassal il-lingwa u allura l-lingwa toħroġ malajr u ma ddumx teżisti[14] (jekk almenu ma tkunx ġiet irrekordjata b'xi mod), filwaqt li l-miktub jinqeda bl-ispazju u allura huwa ħidma laborjuża u jdum jeżisti u jista' jinġarr minn post għal ieħor.[15] Iż-żewġ modi (il-mitkellem u l-miktub) jiġu organizzati f'forom: il-ħsejjes li jġorru l-mitkellem jiġu organizzati b'tali mod li jsawru forom fiż-żmien; u l-marki jew l-għeliem li jġorru l-miktub jiġu organizzati b'tali mod li jsawru forom fl-ispazju.

Issa l-lingwa ġurnalistika tinqeda bit-tnejn li huma u fil-każ tal-Malti għandna din is-sitwazzjoni f'dan ir-reġistru:

- Il-Malti mitkellem jinqeda bil-ħoss u jindirizza s-smigħ fiż-żmien; u għalhekk għandna l-kelliema li jipproduċu l-lingwa u s-semmiegħa li jirċivuha: nisimgħuh fuq ir-radju u fuq it-televixin. Il-mitkellem jista' jkun Malti spontanju (jiġifieri min jitkellmu ma jkunx ippreparat qabel) jew Malti moqri (jiġifieri l-Malti jinkiteb biex jinqara b'vuċi għolja).
- Il-Malti miktub jinqeda bl-għeliem u jindirizza l-ħars fl-ispazju; u għalhekk għandna l-kittieba li jipproduċu l-lingwa u l-qarrejja li jirċivuha: naqrawh fil-gazzetti u r-rivisti, u fuq it-televixin[16] u l-internet.

Il-vantaġġi li l-ġurnaliżmu juża t-tnejn huma kbar. Il-Malti għandu bosta funzjonijiet x'jaqdi fis-soċjetà kontemporanja. Hemm diversi okkażjonijiet meta l-kitba, għax hi organizzata fl-ispazju (i.e. fuq il-karta jew fuq l-iskrin), twassal il-lingwa bl-aħjar vantaġġ ta' l-istampar; u hemm okkażjonijiet oħra meta l-Malti mitkellem ikun aktar effettiv. It-tnejn jikkumplimentaw lil xulxin, l-aktar fuq it-televixin. Imma t-tnejn għandhom l-awtonomija tagħhom bħala mezz għat-twassil tal-lingwa. Sentenza miktuba ma għandha bżonn ta' ebda traduzzjoni fl-ilsien mitkellem sabiex tinftiehem minn dawk li huma litterati, u lanqas ma hemm bżonn li l-ewwel tkun mitkellma biex tinkiteb. Għalkemm huwa minnu li ngħidu li l-miktub jirrappreżenta l-mitkellem, il-miktub għandu

---

14 Dan il-fattur jista' jkun ta' vantaġġ għax żball tal-lingwa wkoll ma jdumx jeżisti. Jekk imbagħad ix-xandar jibqa' jirrepetih l-iżball allura jiffissah f'moħħ l-udjenza.

15 David Abercrombie, *Elements of General Phonetics* (Edinburgh: Edinburgh UP, 1970) Kap 1.

16 It-testi fuq it-televixin, bħala parti mir-rettorika tax-xandir, huma proġett kollaborattiv bejn il-mitkellem u l-miktub: Len Masterman, *Teaching the Media* (London: Routledge, 1985) 152.

wkoll ir-regoli tiegħu. Għalhekk ma għandniex nifhmu li l-funzjoni tal-kitba hija sempliċiment li tirrekordja l-mitkellem jekk irridu li l-lingwa tagħna tkun effiċjenti. Barra minn hekk, huwa fatt stilistiku li l-ġurnaliżmu miktub jipprova (b'mod ġenerali) jżomm livell kemm kemm ogħla ta' formalità mill-ġurnaliżmu mitkellem.

## Ir-reġistru ġurnalistiku

Mela hawnhekk qegħdin ngħidu li l-Malti għandu r-reġistru ġurnalistiku tiegħu għax fost il-ħafna funzjonijiet soċjali oħra li għandu l-Malti jrid jaqdi x-xandir. L-użu tal-Malti f'dan il-qasam jiddetermina l-għamla tal-lingwa użata għal dan l-iskop. Mal-mixja taż-żmien il-ġurnalisti draw jinqdew b'xi elementi li issa saru parti minn dan ir-reġistru. Biex nieħdu idea ta' x'nifhmu b'elementi ta' reġistru ħa nagħti dawn il-ftit eżempji.

*Elementi ta' reġistru fil-Malti mitkellem tax-xandir*[17]

- l-użu ta' strutturi sterjotipati: "Se tisimgħu bulettin sħiħ ta' aħbarijiet"; "Għadkom kif smajtu [isem il-programm], preżentazzjoni u produzzjoni [isem ta' persuna], bilanċ tekniku [isem ta' persuna]"; "B'hekk ġejna fi tmiem il-programm għal-lum"; "Qabel intemmu dan il-bulettin nagħtukom il-punti ewlenin"; "Dan il-programm ġie miġjub lilkom bil-kortesija ta' [isem] / mill-Awtorità tax-Xandir"; "Ibqgħu magħna"; "ġentilment mogħti minn [...]"; "Għandna kollegament ma' [...]"; "Nibqgħu fix-xena internazzjonali"; "Se nagħmlu issa waqfa qasira għall-pubbliċità, wara nkunu magħkom b'aktar aħbarijiet"; "Mill-ġdid lura lejn l-istudjo"; "Se nerġgħu ningħaqdu mal-kollega tagħna [isem] biex jaġġornana dwar il-*budget*";
- l-użu ħieles ta' avverbji bħal "anzi" u "intant": wieħed ikun qiegħed jaqra l-aħbarijiet u jitfixkel, u jgħid "anzi" biex jikkoreġi ruħu ("Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni — anzi l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni [...]"); u "intant" bħala avverbju huwa użat wisq biex jinqaleb is-suġġett fl-aħbarijiet jew biex jgħaqqad avveniment ma' ieħor li mhux bilfors ikollu x'jaqsam ma' ta'

---

[17] Dawn l-eżempji li ġejjin instemgħu l-biċċa l-kbira fuq Radju Malta u fuq Super One News TV fl-20 ta' Novembru, 2000, u fuq Smash TV u Net News fil-15 ta' Novembru, 2000.

qablu ("Intant mix-xena lokali ngħaddi għax-xena internazzjonali");

- l-użu tal-verb fil-preżent meta jingħataw il-punti ewlenin fl-aħbarijiet: "Malta tiffirma l-konvenzjoni kontra l-korruzzjoni"; "Il-Ministru jippreżenta l-*budget* lill-Kamra tad-Deputati";
- l-użu ta' Malti bombastiku jew Malti drammatiku: "Semgħu minn fomm uffiċjali x'għajnuna l-Unjoni se toffri"; "Il-konvenzjoni tidħol fis-seħħ is-sena d-dieħla"; "L-impjieg kien se jiġi tterminat"; "L-ekonomija qed tiżbilanċja ruħha"; "F'temp ta' ħmistax biss inqabad ieħor bid-droga"; " [...] jikkompetu għat-titlu prestiġjuż"; " [...] ċaħdet kull konnessjoni ma' dan l-attakk"; " [...] ma ta ebda indikazzjoni jekk hux se jmur lura"; "Ir-riklami saru waqfa ta' pariri kummerċjali";
- l-użu ta' "ġie" jew "kien" bħala awżiljarju quddiem partiċipju passat ta' verb f'kostruzzjoni passiva: "ġie maqbud"; "kien maqtul"; "ġew mibgħuta"; "kienu misruqin"; "kien imkisser"; fil-Malti letterarju aktar jintużaw il-Ħames u s-Seba' Forom (inqabad, inqatel, intbagħtu, insterqu, tkisser);
- ċerti nomi (x'aktarx astratti) dejjem ikunu akkompanjati bl-istess aġġettiv: "attenzjoni meħtieġa"; "awtoritajiet kompetenti"; "falliment diżastruż"; "kura partikulari"; "numru sostanzjali"; "titlu prestiġjuż";
- l-użu ta' "jidher" u "mistenni" meta l-fatti msemmija jkunu għadhom ma ġrawx: "Il-pajjiżi msieħba huma mistennija li [...] "; "Jidher li l-unjon se taqbad triq oħra";
- l-użu ta' sentenzi twal li diffiċli ssegwihom sew bis-smigħ.

Ħafna minn dawn l-elementi huma klixejiet jew binjiet sterjotipati fix-xandir. Malli jinstemgħu mal-ewwel jingħarfu bħala parti mil-lingwa mitkellma ta' fuq ir-radju jew ta' fuq it-televixin. Għalhekk isiru elementi ta' reġistru. U l-istess ħaġa tiġri fil-gazzetti u r-rivisti.

*Elementi ta' reġistru fil-Malti miktub tal-gazzetti*[18]

- l-użu ta' strutturi sterjotipati: "Minn informazzjoni li għandu [isem il-ġurnal ...] "; "Sorsi qrib il-pulizija kkonfermaw li [...] "; "Sorsi ta' min joqgħod/jorbot fuqhom [...] "; "Il-pulizija għadha qed tinvestiga [...] ";
- l-użu ta' sentenzi twal u kkomplikati strutturalment: "L-investigaturi

[18] Eżempji meħudin minn *In-Nazzjon* u *L-Orizzont* tal-11 ta' Novembru, 2000 u tat-13 ta' Novembru, 2000.

mmexxija mill-Assistent Kummissarju [isem] — li oriġinarjament nhar is-26 ta' Ottubru kellhom quddiemhom biss vann tal-Group 4 miftuħ u karozza Hyundai griża startjata — grazzi għax-xogħol intensiv li għamlu waslu biex sabu l-flus." "Meta l-bieraħ kompliet tinstema' l-kawża kostituzzjonali li qed tagħmel il-General Workers' Union kontra l-Awtorità tax-Xandir, irriżulta li waqt li din dehrilha li kellha tiċċensura u żżomm avviż ta' l-*union* milli jixxandar fuq l-istazzjonijiet televiżivi minħabba l-kontenut politiku li kien fih, fl-istess ħin ma kellha l-ebda oġġezzjoni għal dak kollu li kien qed jixxandar fuq l-istazzjon tal-Partit Nazzjonalista, NET TV, dwar l-istess kwistjoni";

- titli/*headlines* konċiżi u drammatiċi: bosta titli jinqdew bi strutturi telegrammatiċi ("Ras fantażma fi skipp"; "Tlieta għall-Qorti"); titli oħra jinqdew bi strutturi li għandhom xi elementi nieqsa ("Il-kelb li ħasbuh ras ta' kadavru"; "Ħati ta' serq minn karozzi");
- l-użu tal-preżent fit-titli msawrin bħala sentenzi mingħajr *full stops*: "Il-PM imur għal eżamijiet mediċi fl-Istati Uniti"; "Jaqa' bil-karozza minn fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli"; "Jiftaħ il-kumpless Embassy"; "Malta tfakkar il-vittmi taż-żewġ gwerer"; "Tissaħħaħ l-Iskwadra Marittima"; "[Isem] iżomm it-titlu";
- l-użu tal-verb fil-passiv: "Skond ma ntqal fi stqarrija maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni [...] "; "Fis-serqa hu rrappurtat li nsterqu maż-żewġ miljun dollaru fi flus kontanti [...] ";
- l-użu ta' Malti bombastiku li kultant jinqeda bit-tawtoloġija[19] għas-sensazzjonaliżmu: "Matul il-ġurnata tal-bieraħ infetaħ għall-ewwel darba [...] "; "Ir-rispons tal-pubbliku hu fenomenali"; "Jiġi fi tmiemu s-servizz tat-trasport pubbliku soċjali"; "Il-Pulizija qed taħdem fuq il-binarji xjentifiċi u forensiċi"; " [...] jeħodhom f'laboratorju xjentifiku"; "L-investigaturi għandhom ikollhom stampa ċara u evidenza biżżejjed biex jakkużaw lit-tielet wieħed"; "Malta għandha tagħti l-kontribut fl-isfond internazzjonali tagħha f'ħidmiet umanitarji"; "Laqgħa maratona [...] "; "Minħabba dan l-element il-Prim Ministru m'għandux mara imma sinjura".

Ħafna minn dawn l-elementi hawn min iqishom żbalji. Hawnhekk qed ninkludihom bħala elementi tar-reġistru għax donnhom issa saru karatteristiċi tal-ġurnaliżmu.

---

[19] Tawtoloġija hija użu ta' kliem li jirrepeti elementi fis-sens li diġà jeżisti fis-sentenza: eż. "il-ġurnata tal-bieraħ" hija tawtologa għax il-bieraħ hija ġurnata u għalhekk il-frażi "il-ġurnata ta'" hija żejda.

Minbarra l-elementi tar-reġistru, kif diġà għedna, il-Malti ġurnalistiku għandu varjetà sħiħa ta' ġeneri li juru l-wisgħa lingwistika tal-lingwa. F'termini oħra, huwa riżorsa għanja ta' tagħrif lingwistiku. Minħabba li juża għadd ta' ġeneri, il-Malti ġurnalistiku jrid jinqeda b'bosta stili. Il-ġeneri jinkludu titli/ *headlines*, rapporti ta' aħbarijiet, rapporti ta' sports, editorjali, artikli speċjali, kummenti, ittri lill-editur, avviżi kklassifikati, riklami, reċensjonijiet, rapporti tat-temp, rapporti fuq il-moda, rapporti finanzjarji, riċetti, u oħrajn. Is-suġġetti tar-rapporti u ta' l-artikli huma bosta: inċidenti, diżastri, kriminalità, kawżi l-qorti, politika, ħwejjeġ li jolqtu l-konsumatur, industrija, trejdjunjoniżmu, it-turiżmu, it-teatru, l-arti, il-mużika, il-letteratura, id-divertiment, l-ivvjaġġar, il-moda, il-films, l-ikel, il-ġnien, id-djar — għażla bħal din tolqot lil kulħadd. L-istili mħaddma huma ħafna. U l-Malti ġurnalistiku jippermetti li jidħlu fih reġistri oħra u mhux l-ewwel darba li jinqeda b'elementi ta' varjetajiet oħra ħalli jispjega ruħu aħjar, għax il-ġurnaliżmu huwa s-soċjetà lingwistika bil-varjetajiet tagħha kollha. Biżżejjed ngħid li fil-ftit gazzetti li eżaminajt għal din il-Konvenzjoni ltqajt, fost oħrajn, mal-Malti legali ("L-importanza ta' x'ikollu f'moħħu min jidher fuq kuntratt," "Wirt bid-dejn"), il-Malti mediku ("Id-dipressjoni"), il-Malti ta' l-amministrazzjoni (avviżi tal-qorti u tal-gvern), il-Malti sportiv ("Rebħa sofferta għal B'Kara"), il-Malti tal-finanzi / ta' l-ekonomija, il-Malti ta' l-avviżi ("B'niket inħabbru l-mewt [...] "), il-Malti tar-riklami, u l-Malti tal-kritika akkademika ("Postmoderniżmu").[20] Nagħtu ftit eżempji biex nuru aktar ċar il-varjetà tal-lingwa li qegħdin nitkellmu fuqha:

> Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni li l-kuntratt kien sar bi ħsieb li l-partijiet jaqsmu r-raba' li kellhom f'idejhom u dak kien li effettivament għamlu fil-kuntratt.
> S'issa nafu biss li fil-moħħ għandna sustanza kimika, li nsejħulha Serotomin, li n-nuqqas tagħha jikkaġuna din il-marda billi ġġib dwejjaq u għeja mentali.
> Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2000 mogħti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12).
> Doppjetta ta' [isem] fit-tieni taqsima bit-tieni *goal* jasal fit-93 minuta rat lil B'Kara jirbħu partita sofferta għall-aħħar kontra Naxxar li għal siegħa logħob

---

[20] Eżempji ta' dawn il-varjetajiet kollha wieħed jista' jsibhom fil-gazzetti kollha.

kienu bi *player* inqas.

Kienu biss 6.7 fil-mija ta' l-investituri fil-Borża li vvutaw favur il-proposta ta' xiri għall-prezz ta' 930 miljun Lira Sterlina li saret mill-Grupp OM ta' l-Iżvezja.

B'niket inħabbru l-mewt ta' [isem] mill-Ħamrun li mietet il-bieraħ fl-Isptar San Luqa kkonfortata bis-Sagramenti Mqaddsa fl-għomor ta' 76 sena.

Għal kull destinazzjoni li tixtieq, biex issiefer fuq xogħol jew vaganza, il-Eurotours toffrilek is-servizzi kollha li tinħtieġ.

Iż-żewġ ideat fil-viżiva Foucaultjana m'humiex sempliċiment żewġ kategoriji filosofiċi, li jittraxxendu ż-żmien.

Intenni: il-ġurnaliżmu huwa soċjetà sħiħa, xibka ta' attivitajiet soċjali li l-lingwa trid tieħu ħsiebhom kollha. U għalhekk il-ġurnaliżmu għandu r-responsabbiltà tal-lingwa wkoll.

## L-iżbalji fil-ġurnaliżmu[21]

Imma dan ma jfissirx li ma niltaqgħux ma' żbalji. Anzi l-kritika spissa hija li l-ġurnaliżmu huwa mdewwed bl-iżbalji u dawn qed isiru f'kull livell. Ġużè Diacono ġabar ktieb sħiħ ta' l-iżbalji fil-ġurnaliżmu.[22] Ta' min jinnota li xi eżempji li ta Diacono llum il-ġurnata ma għadniex inqisuhom għeltijiet, għax element lingwistiku la jidħol fiċ-ċirkulazzjoni u jkun irrepetut, jindara u joqgħod sew għall-widna sa ma jiġi biex ikun aċċettat.

Biex wieħed jieħu idea tal-kwantità ta' żbalji li qegħdin jitwettqu fil-Malti mitkellem u miktub biżżejjed jagħmel ftit ħin iqalleb minn stazzjon għal ieħor u minn paġna għal oħra ħalli jara kemm f'sessjoni waħda jkollu ħila jiġbor. Ngħidu aħna,

- fil-livell fonoloġiku, smajna min ikkummenta li xi annawnser qalet "qerq" minflok "għerq," u ieħor qal "jorganizzaħħa" minflok "jorganizzaha," "qosma" minflok "oqsma," "taraħħa" minflok "taraha"; verżjonijiet oħra li nstemgħu kienu "olternattiva" minflok "alternattiva," "Ġeneva" minflok "Ġinevra";

---

[21] Hawnhekk irrid naqta' dawk l-iżbalji li jagħtu ħjiel ta' għaġla fil-kompożizzjoni, żbalji li b'qari aħjar tal-provi setgħu jiġu evitati. Se nittratta biss dawk l-iżbalji li jidħru spiss jew b'mod sistematiku.

[22] Ġużè Diacono, *Għeltijiet u Barbariżmi fil-Malti* (Malta: Veritas, 1977).

- fejn tidħol l-ortografija, naraw kitbiet li ma jużawx il-karattri Maltin, niltaqgħu ma' kliem spellut ħażin u ma' inkonsistenzi bħalma dan l-aħħar fuq it-televixin dehret il-kelma "użura" l-ewwel miktuba bis-se ("usura") mbagħad miktuba biż-że ("użura"); hemm programm fuq it-televixin jgħidilna "x'gara llum" minflok "x'ġara llum";[23] f'gazzetta minnhom kelma fl-istess artiklu nkitbet tliet modi differenti ("li Speaker," "l-iSpeaker," "l-Ispeaker"); u gazzetta oħra taċċetta fil-paġni tagħha riklam sħiħ li ma juża ebda karattru Malti;[24]
- fil-livell morfoloġiku niltaqgħu ma' l-abbuż ta' l-artiklu[25] bil-Malti bħal meta, ngħidu aħna, l-ismijiet tal-bliet u l-irħula (speċjalment fir-rapporti tat-temp fuq it-televixin) jinkitbu mingħajr artiklu, u kultant anki meta hemm nomi oħra bħal meta qrajt fuq Channel 12 dan l-avviż: *"Private* titlaq fis-1.30 p.m. [mingħajr artiklu]"; f'dokumentarju fuq ix-xjenza l-qarrej qal "fiżikali" minflok "fiżiku"; u fl-aħbarijiet smajna li l-ministru mar "personali" minflok "personalment" (li huwa avverbju) fuq il-post tad-diżgrazzja;
- fil-livell lessikali nsibu għażla ta' kliem minflok ieħor bħal meta annawnser tat-televixin qalet "jidħol fis-seħħ l-episodju ta' [...] "[26] minflok "jibda l-episodju" — dan jista' jkun każ ta' bombastiċità; stazzjon minnhom ta ħajr lill-*hairstylist* li rranġat ix-"xahar" minflok ix-"xagħar"; u f'programm ieħor tfajla sabet in-"novella" ta' Oliver Friggieri, *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ*, interessanti (dan huwa rumanz!);
- fil-livell sintattiku niltaqgħu, fost oħrajn, ma' l-użu żbaljat tar-regoli li jmorru man-numri ("erbgħin suldati"); u nuqqas ta' qbil bejn is-suġġett u l-verb tiegħu (gazzetta minnhom tgħidilna: "Opinjoni espressa f'madwar 500 kelma jiġu aċċettati għal din il-paġna"; u oħra tgħidilna: "L-opportunità li dawn il-kundizzjonijiet ikunu eżaminati fid-dettall, fi kwalunkwe sfera ta' attività ekonomika hu disponibbli b'diversi modi"; jew "Il-Forzi Armati ta' Malta, li nħolqu minn parti integrali ta' l-Armata Ingliża, żammet ħafna mit-tradizzjonijiet");

---

23 L-istazzjonijiet Maltin fuq it-televixin tant ma jużawx il-karattri Maltin fil-kitba tagħhom li L-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università flimkien kitbu lill-istazzjonijiet kollha (u lill-gazzetti Ingliżi li kultant ikollhom bżonn jiktbu xi kelma jew tnejn bil-Malti u ma jużawx il-fonts Maltin) biex iħeġġuhom ħalli jużaw il-karattri Maltin dejjem. Imma lanqas biss ħadd minnhom ma indenja ruħu jwieġeb. Attitudni indifferenti li għandha ġgagħalhom jisthu.

24 Ara *L-Orizzont* 11 ta' Novembru, 2000: 7. Kitba sħiħa bħal din mingħajr il-karattri Maltin tibgħat l-ortografija tagħna lura bi tmenin sena!

25 L-artiklu fil-Malti jaħdem bħala prefiss tan-nom tiegħu.

26 Eżempju meħud minn Tanja Cilia, "Brain Drain," *The Sunday Times* 12 ta' Novembru, 2000.

- u fil-livell semantiku ġieli jkun hemm traskuraġni fis-sens għax xi element jintuża jew barra l-kuntest tiegħu jew inkella jintuża żejjed bħal meta smajna annawnser ieħor javża li dokumentarju fuq it-televixin kien se jibda "f'nofs il-lejl ta' filgħaxija,"[27] u oħra titfixkel bejn "sessjoni" u "sezzjoni."

Xandar tajjeb m'għandux jisfida l-konvenzjonijiet tal-lingwa ta' l-udjenza tiegħu. Il-qarrejja, it-telespettaturi, u s-semmiegħa kollha għandhom l-istennijiet tagħhom fejn tidħol il-lingwa, avolja mhux kollha kemm huma jimxu dejjem mal-konvenzjonijiet formali tal-lingwa. Lingwa żbaljata ġeneralment tfisser komunikazzjoni ineffettiva meta għandek massa ta' udjenza.[28]

## Traduzzjoni u innovazzjoni

Il-pubbliku donnu jrid li l-ġurnalista jkollu l-leħen tal-bniedem edukat. Imma fl-istess ħin irid ifittex li ma jkunx pedantiku u jinqeda b'Malti kontemporanju u sempliċi li jinstema' ċar u frisk. Ma jużax il-lingwa tat-triq, imma lingwa li n-nies tista' tifhem bla ebda saram. Ħafna mil-lingwa użata fil-ġurnaliżmu m'hi xejn ċara u friska, anzi trid ħafna konċentrazzjoni biex tifhimha kemm minħabba l-istrutturi twal u kkomplikati u kemm minħabba li bosta drabi l-Malti jkun tradott mill-Ingliż. Meta nittraduċu rridu noqogħdu attenti li ma nittraskurawx l-idjoma Maltija għax inkella l-lingwa tinstema' mġebbda u barranija (eż. "Il-ballun f'saqajn il-gvern"). It-traduzzjoni titlob sengħa u reqqa, u l-ġurnaliżmu għandu jinvesti f'dan il-qasam.[29]

Minħabba traduzzjonijiet[30] mgħaġġla u ta' kafkaf, il-Malti qed jitgħabba

[27] Eżempju meħud minn Cilia.

[28] Xi ħadd qal li l-ġurnaliżmu mhux qiegħed biex jgħallem il-lingwa. Dan huwa veru imma huwa fatt ukoll li l-ġurnaliżmu qiegħed jinfluwenza lill-pubbliku kif jitkellem u jikteb. Biżżejjed insemmu li fl-eżamijiet it-tfal qegħdin idaħħlu bosta elementi ġurnalistiċi. Ta' min iżid ukoll li l-ġurnalista m'għandux dritt jiddeċiedi fuq il-lingwa.

[29] Fuq stazzjon tat-televixin il-kelma Ingliża *crew* darba kitbuha "krew" minflok "kru," u allura qrajna: "krew tekniku" ("kru tekniku"). Din hija waħda mill-assurditajiet tal-ġurnaliżmu.

[30] Meta niġu għall-ismijiet tal-barranin nippruvaw nagħmlu sens magħna nfusna. Per eżempju, hawn min lill-Prinċep Charles isejjaħlu l-Prinċep Karlu (forma li ma jużaha ħadd hawn Malta ħlief fuq xi stazzjonijiet tat-televixin), imma dawn jinsew li "Charles" huwa isem li jinsab bil-Malti wkoll: Charles Arrigo, Charles Clews, Charles Abela Mizzi, Charles Flores, Charles Coleiro, Charles Vella, Charles Spiteri... u ħadd minna ma taqagħlu f'moħħu jgħidilhom Karlu Arrigo, Karlu Clews, eċċ. U hawn tiġi l-assurdità tagħna: wieħed Ingliż Charles nagħmluhielu "Karlu" u lill-Maltin inħalluhom Charlesijiet!

b'bosta influwenzi barranin. Maż-żmien dawn jindraw u jidħlu sew fl-espressjoni Maltija, bħalma ġralhom l-espressjonijiet "bdil ta' fehmiet," "grazzi għall-għajnuna li ta," "il-pussess tal-ballun," u "taħt dawn iċ-ċirkustanzi." Għall-bidu dawn ikunu żbalji imma mbagħad biż-żmien jiġu aċċettati. Barra minn hekk, bosta strutturi kkomplikati huma barranin fil-bixra tagħhom. Ara din is-silta kemm tinħass li hi traduzzjoni: "Għalkemm meta tinfaraġ se joħroġ ħafna demm, se jidher ikrah, se tiddellek, normalment tista' twaqqfu billi żżomm imnieħrek misdud għal xi 10 minuti."

Il-ġurnaliżmu jista' wkoll ikun innovatur tal-lingwa. Meta jkun hemm xi kunċett ġdid (eż. il-leġittimità tal-president il-ġdid) il-ġurnaliżmu malajr jaqbad miegħu u, jekk jista', jaqilbu għall-Malti. Għandu l-mezz biex jippopolarizzah u allura jxerrdu. Għalhekk it-traduzzjoni trid tkun dinjituża: tirrispetta l-Malti. Dawn huma xi eżempji ta' innovazzjonijiet fil-ġurnaliżmu ħafna minnhom tradotti mill-Ingliż: "telefons ċellulari," "siroloġista," "kummerċ globali," u "l-aktar mistoqsija taħraq għall-Amerikani." Ta' min iżid li l-kliem ġdid li dieħel mill-Ingliż qed jintegra ruħu sew mal-Malti fil-ġurnaliżmu mitkellem u anki miktub: "[...] b'*web sites* li ma setgħux jgħidu biċ-ċert"; "Miljuni ta' Amerikani marru *online*"; "In-*network* tal-kumpannija [...] ."

## X'tip ta' Malti għandu jintuża fil-ġurnaliżmu?

Ħa nisimgħu, qabelxejn, x'qalulna diġà xi kittieba. Fost il-kriterji li fassal għall-ġurnaliżmu Malti Ġużè Muscat Azzopardi fl-1877, kien hemm l-użu ta' Malti ħafif u mexxej li jilħaq lil kulħadd u allura ma riedx ikun imxekkel minn kumplikazzjonijiet lingwistiċi:

> Sabiex *In-Naħla Maltija* tkun togħġob lil kulħadd, ma nagħmlux kliem meħud mit-Taljan (kif jitħaddtu l-Belt) sabiex jifhmuna n-nies ta' l-irħula; u mill-banda l-oħra nqisu li ma nagħmlux minn dak il-kliem Malti, li fil-Belt ma jiftehemx [...].[31]

Il-moderazzjoni fil-lingwa kellha tagħti xejra ta' Malti li ma jxekkilx il-komunikazzjoni fost il-pubbliku ġenerali:

---

[31] Cassar Pullicino 34.

> Min jikteb bil-Malti u la għandu jużа kliem Taljan li ma jifhmux in-nies ta' l-irħula u lanqas kliem Malti li ma jifhmux in-nies tal-bliet. Min irid jiftiehem ma' kulħadd jużа dak il-kliem li jafu xi jfisser sewwa fl-ibliet u sewwa fl-irħula. Mill-banda l-waħda trid taħrab il-kliem Malti li llum intesa għal kollox [...] mill-banda l-oħra trid taħrab it-Taljan żejjed u ma ddaħħlux ħlief fejn tiġi bżonnu bilfors [...] la Malti minsi u lanqas Taljan iżżejjed [...] mela kollox bil-qies — kollox skond il-bżonn li ninsabu fih — kollox għall-ġid, u biex dejjem niftiehmu mill-aħjar li nistgħu.[32]

Muscat Azzopardi mill-bidunett stabbilixxa li l-Malti ġurnalistiku m'għandux ikun Malti safi u lanqas Malti mimli interferenzi minn lingwi oħra. U Ninu Cremona (1880-1972), l-arkitett ewlieni ta' l-ortografija kif imfassla mill-Akkademja tal-Malti, jiftaħ aktar fuq dan l-argument:

> Fil-kitba Maltija [...] għandna, kemm jista' jkun, noqogħdu għal dak li titlob il-grammatika. Infittxu, fejn jista' jkun ukoll, li ma ninqdewx bi kliem barrani, fejn l-istess kelma Maltija tista' taqdina tajjeb jew aħjar.
> Il-Malti jibqa' safi meta l-kelma taqbel ma' dak il-leħen u l-aċċent li jridhom ilsienna. Ma għandux x'jaqsam jekk il-kelma hija barranija, mislufa [sic.], qadima jew ġdida, ġejja mill-Grieg, mil-Latin, mit-Taljan jew mill-Franċiż: jekk hi toqgħod u tieħu s-sura Maltija, nistgħu ngħidu li hi safja.[33]

Cremona hawnhekk jagħti definizzjoni ġdida ta' "Malti safi": mhux Malti Semitiku bit-twarrib tal-Malti non-Semitiku, imma Malti Semitiku u non-Semitiku li joqgħod sew għall-istrutturi u s-sistemi ta' lsienna. U darba oħra Cremona tkellem fuq il-"ħtieġa ta' kliem modern fil-Malti" li jagħti "sura u ħajja sħiħa u qawwija" lil ilsienna li jrid jimxi u jaqbel maż-żminijiet.[34] L-argument ta' Randolph Quirk (li kien Professur ta' l-Ingliż fl-Università ta' Londra) fuq il-lingwa safja għadu jgħodd ħafna għal-lum:

> *Being receptive to foreign linguistic influence does not mean that a language is decadent and impure, its speakers weak and losing their identity: but rather*

[32] Cassar Pullicino 27-28.
[33] Ninu Cremona, "X'inhu l-Malti Safi," *Rand u Riħan* (Malta: Aquilina, 1945) 189. Din kienet taħdita li Cremona kien ta f'laqgħa ta' L-Akkademja tal-Malti fl-1 ta' Marzu, 1925, f'Palazzo de la Salle.
[34] Ninu Cremona, "Folklor u Lsien Malti," *Rand u Riħan*, 195. Din kienet taħdita oħra li ta fl-24 ta' April, 1940.

> *that the members of the speech community are keenly alive to what is going on in the world and eager to keep pace with cultural developments elsewhere.*[35]

Ma nistgħux immorru kontra l-kurrent tal-progress, u rridu naraw u nħossu kull element ġdid li jidħol fil-lingwa bħala element li sar tagħna la jkun intgħaġen sew fis-sistema lingwistika tagħna — jiġifieri, la jkunu aċċettawh u tawh il-karatteristiċi tagħhom il-fonoloġija, il-morfoloġija, il-lessiku, is-sintassi, u s-semantika, u drabi wkoll l-ortografija. Fuq kollox, l-element imħallat jarrikkixxi l-lingwa u juri li aħna mqajmin għall-bidliet li jseħħu fis-soċjetà kontemporanja. Biss id-dħul ta' elementi bla bżonn — u dawn jistgħu jaslu kemm għax jitnissel kliem ġdid minn għeruq Semitiċi qodma u kemm għax nimpurtaw kliem meta diġà għandna tagħna li qed jaqdina tajjeb — għandu jitwaqqaf u nsaħħu li għandna.

Meta niġu għall-istil tal-kitba dan irid jaqbel max-xejra tematika biex it-ton jingħoġob u jkun xieraq. Nikkwotaw żewġ fehmiet komplementari ta' Herbert Ganado (1906-1979), fuq dan is-suġġett. L-ewwel waħda, imfissra fil-*Leħen is-Sewwa* ta' l-14 ta' Settembru, 1952, hija din:

> Il-ġurnal hu ħabib u mhux predikatur. Il-ġurnal mhux qiegħed hemm ħalli jippriedka, għaliex il-priedki jsiru fil-knejjes, imma l-ġurnal Kattoliku għandu jkun jaf jindiehes u jaqbad lil kull ħabib tiegħu labranzetta u jiddiskuti miegħu u jifraħ miegħu u jagħli miegħu u meta hemm bżonn jisħon jew jentużjażma ruħu miegħu u jieħu gost miegħu u jiċċajta u jidħak miegħu.[36]

Fid-19 ta' Frar, 1955 imbagħad kiteb hekk:

> Ħaġa sabiħa illi wieħed, sew meta jikteb u sew meta jirrispondi, juża l-argumenti u jipprova jipperswadi billi jirraġuna. Iżda ladarba l-ġurnaliżmu ma hux trattat ta' loġika, imma ħaġa ħajja u mgħaġġla, huwa wisq naturali li l-istil ikun ftit jew xejn fuq ruħu. U sa hawn kollox sew ukoll. Basta ma jiġux użati żewġ armi li huma ferm baxxi u li ma huma xejn onesti. Waħda li jsiru attakki jew allużjonijiet offensivi personali. U l-oħra li jiġu mdawra l-fatti biex lil min trid tolqot iġġieghlu jgħid dak li ma qalx.[37]

---

35 Randolph Quirk, *The Use of English* (London: Longmans, 1968) 36.
36 Herbert Ganado, *Jien Inħobb Nitkellem Magħkom. It-Tieni Ktieb* (Malta, 1985) 15.
37 Ganado 221.

Dan l-istil li qed jissuġġerixxi Ganado huwa stil kollaborattiv, jiġifieri stil ta' proża li jinqeda b'mekkaniżmi li jibnu kollaborazzjoni bejn l-awtur u l-qarrej.[38] L-istil ħabib ta' kulħadd jinqeda b'ton informali meta ċ-ċirkustanzi jitolbu hekk u b'ton formali meta ċ-ċirkustanzi jitolbu mod ieħor imma f'kull każ l-istil m'għandux ikun offensiv jew wieħed ta' tagħwiġ ta' fatti. B'hekk l-istil kollaborattiv isaħħaħ ir-rabta bejn il-ġurnalista u l-qarrej, u jibqa' "ħabib."

Il-Malti ġurnalistiku għandu jkun mingħajr żbalji. Fl-1973 Oliver Friggieri, fil-*Problemi ta' Llum*, kiteb hekk:

> Il-biċċa l-kbira tal-ġurnalisti ma jafux jiktbu bil-Malti. Wieħed biżżejjed jiftaħ kull ġurnal bil-Malti u jsib taħbila sħiħa f'kull aspett ta' l-ilsien miktub: taħwida sintattika, ortografija ħażina, vokabolarju magħżul ħażin, kliem barrani għal xejn b'xejn, u x'naf jien. Dan ifisser li għandna mastrudaxxi li ma jafux isammru, żebbiegħa li ma jafux jaqbdu pinzell. Għaliex il-għodda tal-ġurnalista hija l-kelma u l-kelma biss. Jekk ma jafx iħaddimha se jfalli bla ebda dubju. U jidhirli li bosta u bosta ġurnalisti tagħna ilhom li fallew — bħalma jiġri sikwit lil xi politiċi wkoll — għaliex ma jafux iħaddmu l-għodda li taqbel ma' l-iskop tagħhom.[39]

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu llum u ninkludu lix-xandara kollha għax ħafna minnhom qegħdin iħaddmu Malti li mhux dejjem qed ikun mirqum biżżejjed u l-iżbalji għadna nsibuhom f'kull livell tal-lingwa.[40]

Biex niġbru kollox fil-qosor, nisiltu (minn dawn il-kummenti li għadna kemm rajna) tliet prinċipji ewlenin fuq il-Malti ġurnalistiku:

- il-Malti jrid jiftiehem minn kulħadd;
- it-tħaddim tal-Malti jrid ikun bla żbalji;
- l-istil irid ikun kollaborattiv.

L-għajta hija għal lingwa ħafifa u bla żbalji. Din hija għajta biex il-lingwa tkun tinftiehem mingħajr tbatija, mhux biex tkun sempliċi li allura tispiċċa tkun banali. Il-ġurnalista jrid isib (sakemm ikun possibbli) l-eħfef lingwa li jista' biex iwassal l-ideat, l-opinjonijiet, l-aħbarijiet, u l-messaġġi tiegħu. Ngħidu

---

38 Għal spjegazzjoni aħjar fuq is-suġġett ara Charles Briffa, *Il-Proża bħala Arti* (Malta: PEG, 1998) 15-18.

39 Oliver Friggieri, "Il-Problemi tal-Ġurnaliżmu Malti" riprodott f'Ġorġ Mifsud, *Fommu bil-Għasel* (Malta: PEG, 1981) 5-6; l-artiklu meħud mill-*Problemi ta' Llum* 13.10.1973: 202.

40 Diacono.

aħna, minflok ma jgħid "jiġi fi tmiemu s-servizz tat-trasport pubbliku soċjali" jgħid sempliċiment "jintemm it-trasport pubbliku."

Minn dak li rajna sa issa l-Malti ġurnalistiku jinqeda bil-qafas standard u stabbilit tal-lingwa[41] u b'elementi ta' reġistru u b'elementi varjati.

## Id-differenza bejn żewġ gazzetti

Hawnhekk m'aħniex niddiskutu l-kontenut tal-ġurnaliżmu imma kif dak il-kontenut qed jitwassal, u nifhmu li l-kontenut u l-lingwa li qed twassal dak il-kontenut ma jistgħux jinfetqu minn xulxin għal kollox.[42] Meta jingħażel avveniment biex jitħabbar fil-pubbliku l-ġurnalista jrid jagħżel l-istil li jkun jixraq biex jieħu li jista' miċ-ċirkustanza u jżomm l-interess. Imma hawnhekk irridu naraw mhux x'qed jinkiteb imma kif qed jinkiteb. U biex naraw kemm ivarjaw il-gazzetti waħda minn oħra nisiltu l-ewwel paragrafu ta' l-istess biċċa aħbar minn żewġ gazzetti differenti u nagħmlu xi osservazzjonijiet. L-aħbar magħżula hija ta' żagħżugħ li waqa' b'karozza minn fuq irdum.

(A) Żagħżugħ ta' 19-il sena mis-Swieqi kien salvat minn membri tal-Forzi Armati Maltin wara kmieni l-bieraħ filgħodu waqa' bil-karozza tiegħu għall-irdum ta' Ħad-Dingli. Hu ttella' b'ħelikopter u ttieħed l-Isptar San Luqa għall-kura.[43]

(B) [Isem], żagħżugħ ta' 19-il sena mis-Swieqi, jinsab fil-periklu imminenti tal-mewt wara li kmieni l-bieraħ fil-għodu ġie salvat mill-membri tas-salvataġġ minn taħt l-irdum ta' Ħad-Dingli fejn diversi sigħat qabel waqa' bil-karozza tiegħu b'kollox għoli ta' madwar tmien sulari.[44]

Gazzetta (A)= tuża żewġ sentenzi: strutturi kkoordinati fit-tieni sentenza, u fl-ewwel struttura ewlenija u oħra subordinata; l-element li jintroduċi s-subordinazzjoni huwa "wara" li jaħdem bħala konġunzjoni li normalment ikollha l-partiċella "li" magħha ("wara li"). Tuża wkoll il-forma passiva tal-verbi ("kien salvat," "ttella'," "ttieħed") li tenfasizza aktar l-impersonalità ta'

---

[41] Dan il-qafas fih l-istrutturi (eż. l-binjiet morfoloġiċi) u s-sistemi (eż. l-pronomi magħżulin) tal-Malti u kull varjetà lingwistika ma tistax tiksirhom.

[42] Keith Waterhouse, *On Newspaper Style* (Middlesex: Penguin, 1993) 37.

[43] *In-Nazzjon* 13 ta' Novembru, 2000: 1.

[44] *L-Orizzont* 13 ta' Novembru, 2000: 1.

l-aħbar donnu l-ġurnalista jrid jibqa' biss osservatur — jiġifieri l-forma passiva żżid ma' l-oġġettività tal-kitba. Il-forma attiva ("Membri tal-FAM salvaw żagħżugħ [...] tellgħuh b'ħelikopter u ħaduh l-Isptar [...].") donnha aktar tixraq lill-ġurnaliżmu mitkellem milli lill-miktub għax hemm grad ta' formalità anqas fiha.

Gazzetta (B)= tuża sentenza waħda twila bi strutturi subordinati mimlijin dettalji. Il-forma passiva tintuża hawnhekk ukoll, però mhux bl-istess enfasi ta' gazzetta (A). Il-binja tal-paragrafu tagħti bixra stramba lill-aħbar: "[...] jinsab fil-periklu imminenti tal-mewt wara li [...] ġie salvat mill-membri tas-salvataġġ [...] ," struttura li tista' tagħti l-impressjoni li l-membri tas-salvataġġ kienu l-kawża tal-periklu. Din il-verżjoni tuża seba' frażijiet nominali kkomplikati.

Ta' min jgħid ukoll li gazzetta (A) tiddeskrivi l-qagħda tal-midrub bħala waħda stabbli u (B) tiddeskrivih li qiegħed fil-periklu imminenti tal-mewt— tgħid ifissru l-istess dawn? Anki fil-perċezzjoni tal-ġurnalisti nsibu d-differenza: (A) tgħidilna li "waqa' [...] għall-irdum" (l-angolu tal-vista qiegħed 'l isfel biex jimplika l-imġarraf jew l-imħarbat mitluq), u (B) li jaqa' minn fuq l-irdum (l-angolu tal-vista tiegħu qiegħed mill-għoli biex jimplika ġarf f'għammieq (jew preċipizzju).

Differenzi oħra bejn dawn iż-żewġ gazzetti:

(A)= in-nies ta' Iżrael issejħilhom "Israeljani"; tikteb "karrozza"; kliem bl-Ingliż tistampah bil-korsiv; titfixkel fir-regola ta' l-artiklu li jinhemeż ma' kliem barrani ("li Speaker"); l-aħbarijiet huma aktar fil-qosor għax l-interess huwa fuq l-essenzjal ta' kull aħbar.

(B)= in-nies ta' Iżrael issejħilhom "Iżraeliti"; tikteb "karozza"; kliem bl-Ingliż tħallih kif inhu; tapplika r-regola tal-vokali tal-leħen anki fejn m'hemmx vokali tal-leħen, meta l-vokali tkun parti mill-kelma (eż. "ħaddiema nvoluti"); l-aħbarijiet mimlijin deskrizzjonijiet u narrazzjoni għax tagħfas ħafna fuq id-dettalji ta' kull aħbar.

Barra minn hekk, it-tnejn jevitaw il-kollokjaliżmi u joffru superfiċjalità fil-ħsieb u preżentazzjoni sensazzjonali. Fl-istess ħin jagħtu ħjiel ta' għaġla fil-kitba tagħhom.

Meta ġejt biex nikkwantifika l-ħila għall-qari taż-żewġ gazzetti ewlenin bil-Malti ħadt l-editorjali u kkalkulajthom skond il-Gunning's Fog Index. Sibt li:

il-livell tal-qari ta' (A) huwa ta' 10;

il-livell tal-qari ta' (B) huwa ta' 16.

Dan ifisser li l-editorjal magħżul ta' (B) jitlob livell tal-qari ħafna ogħla minn dak ta' (A). Fi kliem ieħor, il-lingwa hija itqal f'(B) milli f'(A).

**Konklużjoni**

Il-Malti ġurnalistiku jappella għall-pubbliku ġenerali, mhux bħal reġistri oħra li huma indirizzati għal udjenza iżgħar, silettiva u x'aktarx speċjalizzata. Jinqeda bl-elementi tal-lingwa standard imma għandu l-elementi tiegħu wkoll. Għandu jippreżenta lingwa attwali: kurrenti u friska għax jittratta suġġetti differenti u suġġetti ġodda li jagħtu lok għall-innovazzjoni; mela jista' jkun fattur ta' bidla. Għalhekk huwa importanti li l-ġurnalista jkun imkisser fil-lingwa.[45] Nissuġġerixxu programm intensiv fil-lingwa[46] biex jiġu evitati l-iżbalji u biex jintuża Malti ħafif; proċess kontinwu ta' monitorjar biex il-Malti jibqa' jintuża tajjeb; konsultazzjoni kontinwa l-aktar fejn jidħlu affarijiet ta' traduzzjoni; tagħlim aħjar għall-ġurnalisti; l-awtoritajiet jistabbilixxu kriterji ta' għażla u joħolqu eżami xieraq għall-impieg tal-ġurnalisti.[47]

*Studju ppreżentat għat-Tieni Konvenzjoni ta' The Malta Press Club (23 ta' Novembru, 2000).*

[45] Bosta eżempji oħra minbarra dawk li tajt ħarġu mingħand l-għalliema tal-Malti fil-kors ta' aġġornament 2000, meta għamlu analiżi tat-taħdit u l-kitba fuq il-mezzi tax-xandir.

[46] Dan irid jinkludi l-Malti miktub u mitkellem fil-mezzi kollha tax-xandir u l-istili differenti li jkunu jixirqu lill-varjetajiet li semmejna.

[47] Xi wħud minn dawn is-suġġerimenti tqajmu fis-seminar ta' L-Akkademja tal-Malti li kien sar fit-13 ta' Novembru, 1999. Ara Charles Briffa, ed., *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* (Malta: Akkademja tal-Malti, 2000) 55, 67.